



Brussell, 28 ta' Lulju 2025  
(OR. en)

11586/25

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0217(NLE)

---

---

LIMITE

ANTIDISCRIM 71  
COCON 51  
COHOM 119  
COPEN 214  
DROIPEN 83  
EDUC 321  
FREMP 202  
JAI 1072  
MIGR 254  
SOC 519  
STATIS 51

#### ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-estensjoni tal-iskadenza għall-adeżjoni tal-Każakistan mal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...**

**ta' ...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea  
fil-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa  
dwar l-estensjoni tal-iskadenza għall-adeżjoni tal-Każakistan  
mal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza  
fuq in-nisa u l-vjolenza domestika,  
fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali,  
l-ażil u n-non-refoulement**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(2), l-Artikolu 82(2) u l-Artikolu 84, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-“Konvenzjoni”) ġiet konkluża mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1075<sup>1</sup> fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni, u bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076<sup>2</sup> fir-rigward ta’ kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement, u daħlet fis-seħħ għall-Unjoni fl-1 ta’ Ottubru 2023. Bħalissa hemm 39 Parti għall-Konvenzjoni, inkluż l-Unjoni u 22 Stat Membru.
- (2) Il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa (il-“Kumitat tal-Ministri”) huwa l-korp deċiżjonali tal-Kunsill tal-Ewropa. Kull wieħed mis-46 membru tal-Kunsill tal-Ewropa huwa intitolat għal rappreżentant wieħed fil-Kumitat tal-Ministri, u kull rappreżentant huwa intitolat għal vot wieħed. L-Istati Membri kollha huma membri tal-Kunsill tal-Ewropa u b’hekk irrappreżentati fil-Kumitat tal-Ministri.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1075 tal-1 ta’ Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni (ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1075/oj>).

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076 tal-1 ta’ Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta’ materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement (ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 4, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1076/oj>).

- (3) Skont l-Artikolu 76(1) tal-Konvenzjoni, il-Kumitat tal-Ministri jista', wara konsultazzjoni mal-Partijiet għall-Konvenzjoni u wara li jikseb l-approvazzjoni unanima tagħhom, jiddeċiedi li jistieden lil Stat mhux membru tal-Kunsill tal-Ewropa biex jaderixxi mal-Konvenzjoni. Tali deċiżjoni tirrikjedi maġġoranza ta' żewġ terzi tal-Kumitat tal-Ministri u vot unanimu tar-rappreżentanti tal-Partijiet għall-Konvenzjoni intitolati li jkunu fil-Kumitat tal-Ministri.
- (4) Fit-22 ta' April 2020, il-Kumitat tal-Ministri ddeċieda li jistieden lill-Kazakistan jaderixxi mal-Konvenzjoni. F'konformità ma' dik id-deċiżjoni, l-istedina kienet valida għal ħames snin mill-adozzjoni tagħha, jiġifieri sat-23 ta' April 2025.
- (5) Permezz ta' ittra datata t-3 ta' April 2025, il-Kazakistan talab estensjoni tal-iskadenza għall-adeżjoni tal-Kazakistan mal-Konvenzjoni ta' sentejn, jiġifieri sat-23 ta' April 2027, biex ikun jista' jlesti l-proċeduri interni tiegħu.
- (6) Il-Kumitat tal-Ministri, fil-laqgħa tiegħu f'Settembru 2025, huwa mistenni jadotta deċiżjoni li tagħti lill-Kazakistan estensjoni ta' sentejn tal-iskadenza għall-adeżjoni mal-Konvenzjoni.
- (7) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-Ministri fir-rigward tal-estensjoni tal-iskadenza għall-adeżjoni tal-Kazakistan mal-Konvenzjoni, peress li tali estensjoni jista' jkollha effetti legali fuq l-Unjoni. L-effett tal-estensjoni jkun it-tiġdid tal-istedina li skadiet tal-Kazakistan biex jaderixxi mal-Konvenzjoni, u għalhekk tista' twassal għall-istabbiliment ta' relazzjonijiet konvenzjonali bejn l-Unjoni u l-Kazakistan fil-qafas tal-Konvenzjoni. L-effetti tal-estensjoni tista' tinfluwenza wkoll il-mod li bih jittieħdu d-deċiżjonijiet fil-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni.

- (8) L-adeżjoni tal-Każakistan mal-Konvenzjoni tkun ta' benefiċċju għall-Unjoni peress li testendi l-istandards ambizzjużi tal-Konvenzjoni għal dak il-pajjiż. Għalhekk, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li l-Każakistan jingħata estensjoni ta' sentejn tal-iskadenza għall-adeżjoni mal-Konvenzjoni sabiex il-Każakistan ilesti l-proċeduri interni tiegħu.
- (9) Peress li l-Unjoni mhijiex membru tal-Kunsill tal-Ewropa iżda huma l-Istati Membri kollha, il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri, li jaġixxu b' mod konġunt.
- (10) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (11) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħa tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa f' Settembru 2025, għandha tkun li tiġi appoġġata l-estensjoni tal-iskadenza għall-adeżjoni tal-Każakistan mal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika sat-23 ta' April 2027.

*Artikolu 2*

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandhom jesprimuha l-Istati Membri li huma membri tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, li jaġixxu b'mod konġunt.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---